MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 142/2013

**Go p.l.c.
C 22334**

**vs**

**Spiteri Romolo
ID 131556 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmi (€ 624.81) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40163665 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ghalkemm deher ghal uhud mis-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal, u nforma lit-Tribunal li kienet qed tigi esplorata l-possibilita’ ta’ transazzjoni, madanakollu, fis-seduta tal-1 ta’ Novembru, 2013 it-Tribunal gie informat minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici illi tali transazzjoni ma sehhitx.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija erbgha u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 624.81), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------